MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1034/2009

**Fenech Estates Co. Ltd. (C3634)**

***kontra***

**Nazzareno Fenech Ltd. (C6868)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors presentat fis-27 ta' Ottubru 2009 li jaqra hekk -

*Illi l-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Ltd, kif jirrizulta mill-memorandum u statut ta' assocjazzjoni tal-istess kumpannija (Dok A), hija kumpannija registrata Malta b'kapital azzjonarju ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) ekwivalenti ghal tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Euro punt tnejn erbgha zero tlieta disgha wiehed (€13,976.240391) ekwivalenti ghal sitt elef (6000) azzjoni ta' tnejn punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta Euro*

*(€2.329373), ekwivalenti ghal lira Maltija (LM1) il-waħda li nofshom huma mħallsa, u li jappartjenu in kwantu ghal tlett elef (3,000) sehem lil Michael Angelo Fenech u tlett elef (3,000) sehem lil Alfred Fenech ;*

*Illi l-kumpannija rikorrenti hija kreditrici tal-kumpannija intimata fis-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin elf, disa' mija u sebghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€474,970.88), oltre l-imghax, liema somma kienet dovuta mill-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Ltd lill-HSBC Bank Malta p.l.c. skond sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Prokuratur Legali Adrian Borg noe vs Alfred Fenech et noe et (Citazzjoni Numru 1163/1992), u liema somma thallset mill-kumpannija rikorrenti Fenech Estates Limited lill-HSBC Bank Malta p.l.c." ghan-nom tal-kumpannija intimata biex b'hekk giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Bank, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Licari tat-12 ta' Ottubru 2007 ;*

*Illi l-kumpannija intimata hija wkoll debitrici tal-Korporazzjoni Enemalta fis-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin elf, sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm244,634.65), ekwivalenti ghal hames mija u disgha u sittin elf, tmien mija u hamsa u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€569,845.45) oltre l-imghax, u dan skond sentenza deciza kontra taghna minn dina l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Frar 2006 fl-ismijiet "Anthony Ventura noe vs Kevin James Fenech noe et" (Citazzjoni Numru 1657/1992TM) ;*

*Illi l-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Ltd m'hijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u ilha f'din il-pozizzjoni ghal zmien twil kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern, u ghalhekk hemm lok ghax-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess kumpannija ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpannija (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) ;*

*Ghal kull buon fini ghandu jinghad, illi l-kumpannija intimata ghandha dritt tirkupra l-ammonti, li ghadhom mhux likwidati, dovuti lilha bhala danni sofferti minnha, liema ammonti huwa mertu ta' zewg kawzi pendenti*

*quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Alfred Fenech noe vs Lawrence Ciantar et noe" bin-numru tac-citazzjoni 520/88GCD u kawza ohra fl-istess ismijiet li ggib in-numru tac-citazzjoni 308/88JZM ;*

*Illi huwa fl-ahjar interess tal-kredituri tal-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Limited li, pendenti dawn il-proceduri, jigi appuntat amministratur provvizorju tal-imsemmija kumpannija, dan aktar u aktar minhabba l-fatt illi fil-prezent lanqas biss ghandha diretturi biex imexxu n-negozju taghha.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:-*

*1) Tahtar amministratur provvizorju sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni tan-negozju tal-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Ltd li joghgobha tispecifika din l-Onorabbli Qorti a tenur tal-artikolu 228 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) ;*

*2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Ltd m'hijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess kumpannija ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 ;*

*3) Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha necessarji ai termini tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) sabiex jinhatar stralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Att imsemmi.*

**Rat** id-dokument li l-kumpannija rikorrenti pprezentat mar-rikors promotorju.

**Rat** id-digriet taghha tat-2 ta' Novembru 2009 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kumpannija konvenuta bi zmien ghoxrin (20) jum sabiex twiegeb.

**Rat** li ghalkemm il-kumpannija intimata kienet debitament notifikata skond il-ligi, ma pprezentatx risposta.

**Rat** l-atti tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2010 fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat -**

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta dan il-kwadru –

Illi l-kumpannija rikorrenti hija kreditrici tal-kumpannija intimata fis-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin elf, disa' mija u sebghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€474,970.88), oltre l-imghax.

Illi fil-bidu, din is-somma kienet dovuta mill-kumpannija intimata lil HSBC Bank Malta p.l.c. skond sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Prokuratur Legali Adrian Borg noe vs Alfred Fenech et noe et (Citazzjoni Numru 1163/1992).

Illi in segwitu din is-somma thallset mill-kumpannija rikorrenti lil HSBC Bank Malta p.l.c.

Illi dan il-pagament kien effettwat bis-sahha ta' kuntratt tat-12 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Licari, liema kuntratt kien debitament konfermat bil-gurament mill-istess Nutar Pubbliku li ppubblikah fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2010.

Illi konsegwentement ta' dan il-hlas, il-kumpannija rikorrenti giet surrogata fid-drittijiet tal-imsemmi Bank kontra l-kumpannija intimata.

Illi l-kumpannija intimata hija wkoll debitrici tal-Korporazzjoni Enemalta fis-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin elf, sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm244,634.65), ekwivalenti ghal hames mija u disgha u sittin elf, tmien mija u hamsa u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€569,845.45) oltre l-imghax, u dan skond sentenza deciza kontra taghna minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2006 fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Ventura noe vs Kevin James Fenech noe et" (Citazzjoni Numru 1657/1992TM) – <u>DOK. MF3</u>.

Illi abbazi tax-xhieda ta’ Michael Fenech (ara l-affidavit tieghu a fol 59 u 60 tal-process) jirrizulta li s-socjeta’ intimata ilha s-snin ma topera u m’ghandhiex assi sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn li ghandha versu l-kumpannija rikorrenti u kredituri ohra. Skond l-istess Michael Fenech, l-interess tal-kumpannija rikorrenti li tmexxi b’din il-procedura jirrizulta mill-fatt li l-kumpannija intimata ghandha zewg kawzi pendenti kontra terzi u jekk dawk il-kawzi jkollhom esitu favorevoli ghall-kumpannija intimata, il-kumpannija rikorrenti jkollha possibilita’ li tirkupra l-kreditu taghha. Fl-istess waqt bil-hatra ta’ stralcjarju ghall-kumpannija intimata, l-interess taghha fiz-zewg kawzi jista’ jkun tutelat certament ahjar milli huwa fil-prezent.

**Ikkunsidrat –**

<u>Fil-paragrafu (a) tal-subartiklu (2) tal-Art.214 tal-Kap.386</u> il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti ***tista’*** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Is-socjeta’ rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq <u>**is-subinciz (ii)**</u> tal-paragrafu (a) tal-Art.214(2) u cioe’ <u>*jekk il-kumpannija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha.*</u>

Huwa is-subinciz (5) tal-Art.214 li jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha ghall-finijiet tas-subinciz (ii) tal-paragrafu (b).

Dan is-subartiklu (5) ghandu zewg subparagrafi.

Huwa evidenti li s-subparagrafu (a) ma japplikax ghall-kaz tal-lum.

Is-subparagrafu (b) huwa dak rilevanti ghall-mertu ta’ din il-kawza u jaqra hekk – *jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*

Dwar dan is-subinciz din il-Qorti diversament presjeduta (PA/GV) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited"** deciza fit-28 ta' Mejju 2003 esprimiet ruhha hekk –

*Din il-kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda it is not sufficient for the company to be able to meet its current oibligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re : European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi jithallsu.*

L-atti socjetarji tal-kumpannija intimata huma esebiti minn fol 136 sa fol 178.

L-istampa oggettiva li tohrog minn dawn l-atti hija din –

Il-kumpannija kienet registrata fit-18 ta' Mejju 1984 bin-Nru. C 6868. L-ewwel diretturi taghha kienu Nazzareno Fenech, Michael A. Fenech u Alfred Fenech.

Jirrizulta li Michael A. Fenech kien irrizenja minn direttur fis-16 ta' Frar 1988.

Jirrizulta li Nazzareno Fenech kien irrizenja minn direttur b'effett mit-8 ta' Mejju 1990 u minn dik id-data rega' nhatar Michael A. Fenech bhala direttur.

Jirrizulta li Kevin James Fenech kien inhatar bhala direttur b'effett mit-28 ta' Mejju 1991. F'dik id-data rega' rrizenja minn direttur Michael A., Fenech.

Jirrizulta li Kevin James Fenech irrizenja minn direttur b'effett mit-30 ta' Ottubru 1998..

Jirrizulta li Alfred Fenech irrizenja minn direttur b'effett mit-23 ta' April 2009.

Wara din l-ahhar rizenja ma kien appuntat hadd bhala direttur u ghaldaqstant wara t-23 ta' April 2009, il-kumpannija baqghet bla diretturi.

Mill-atti socjetarji, ma jirrizultax li qatt gew prezentati d-dokumenti bhal annual returns u l-kontijiet li l-kumpannija obbligata tibghat skond il-ligi lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Jirrizulta pruvat li llum il-kumpannija intimata ghandha biss djun mhux assi. Hija tinsab bla tmexxija u ghaldaqstant mhix topera fin-negozju taghha fit-termini tal-objettivi li ghalihom kienet kostitwita. Ghall-krredituri taghha, l-unika tama li forsi xi darba jithallsu huwa esitu favorevoli ghall-kumpannija intimata taz-zewg kawzi pendenti li kienet istitwiet kontra terzi. Kif inhi llum, il-kumpannija intimata mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha u ghalhekk tinsab fi stat ta' insolvenza ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-kumpannija intimata ghandha tigi xjolta u stralcjata.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba.**

**2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Limited (C 6868) ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**3) Ghalhekk tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata Nazzareno Fenech Limited (C 6868) b'effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna l-istralc taghha.**

**4) Tilqa' t-tielet talba u tahtar lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet -**

**a) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**b) jiehu taht il-kustodja jew il-kontroll tieghu l-propjeta' kollha u l-jeddijiet kollha li hu jkollu raguni xierqa jahseb li l-kumpannija jkollha jedd ghalihom kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**c) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija intimata.**

**d) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**e) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**L-ispejjez jibqghu a kariku tal-kumpannija intimata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------